Sweden

Tiġi kkunsidrat bħala l-**vittma ta' reat**, jekk tkun ġarrabt dannu, pereżempju tkun ġejt ferut jew il-proprjetà tiegħek tkun ġarrbet dannu jew tkun insterqet, b' konsegwenza ta' azzjoni li tikkostitwixxi reat skont il-liġi nazzjonali. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tagħtik ċerti drittijiet individwali qabel, matul u wara l-proċedimenti. Tista' wkoll tkun intitolat għal forom varji ta' appoġġ u kumpens għad-dannu kkawżat mir-reat.

Il-**proċedimenti kriminali fl-Iżvezja** jibdew bl-investigazzjoni tar-reat, imsejħa bħala l-kumpilazzjoni. B'xi eċċezzjonijiet, jekk ikun hemm raġunijiet li jiġi preżunt li twettaq reat, huwa obbligat li tinbeda l-kumpilazzjoni. Il-kumpilazzjonijiet isiru mill-pulizija, iżda xi drabi jitmexxew minn prosekutur. Wara li titlesta l-kumpilazzjoni, il-prosekutur jista' jiddeċiedi li jkompli l-proċedimenti billi jressaq il-każ il-qorti jew, jekk il-prosekutur ma jemminx li hemm biżżejjed evidenza, jagħlaq il-każ mingħajr ma jressqu l-qorti. Jekk il-każ jitressaq il-qorti jkun hemm proċess. Matul il-proċess, il-qorti teżamina l-evidenza kollha u tiddeċiedi jekk tikkundannax lill-akkużat tar-reat jew le. Il-qorti tindika wkoll jekk ikunx hemm il-possibilità għal appell quddiem qorti superjuri.

Bħala l-vittma tar-reat, ikollok rwol sinifikanti fil-proċedimenti u jkollok għadd ta' drittijiet. Tista' tipparteċipa fi proċedimenti legali **mingħajr status legali speċifiku** jew tista' tieħu parti aktar attiva billi ssir **parti formalment mill-proċedimenti.** Tista' tfittex għad-danni u/jew tappoġġa l-prosekuzzjoni. F'ċerti każijiet tista' tibda **prosekuzzjoni privata,** fuq l-inizjattiva tiegħek stess, fil-każ li l-prosekutur jiddeċiedi li jagħmilx dan.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ

1 - Drittijieti bħala vittma ta' reat
2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess
3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess
4 - Kumpens
5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

L-aħħar aġġornament: 03/09/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.